**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**vs.**

**Martin Attard**

Numru: 988/02

Illum l-ewwel (1) ta' Marzu 2018

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat **Martin Attard** ta' disgha u tletin (39) sena, iben Alfred u Vincenza neé Aloisio, imwieled Attard fl-20 ta' Novembru 1962, residenti fl-indirizz 65, Triq ta' Sliema, Gzira, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 698262(M) akkuzat talli:

1. bejn il-11 ta' Gunju 2002 u f'dati precedenti kif ukoll ta' wara fis-Siggiewi u fi bnadi ohra b'mezz kontra l-ligi jew billi ghamel

uzu ta' ismijiet foloz, jew kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' Lm1179[1] bi hsara lil Mirage Holdings Ltd. kif ukoll Lm2100[2] ghad-detriment ta' Terry Gosden u dan bi ksur ta' l-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 11).

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef Silvio Camilleri (*a fol.* 153 *et seq.*).

Semghet, fis-seduti tal-25 ta' Frar 2016 (*a fol.* 160) u tad-19 ta' Ottubru 2016 (*a fol.* 163), lill-Prosekuzzjoni u lid-difiza jezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Semghet, fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2017, lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju (*a fol.* 169 *et seq.*).

Rat illi l-Prosekuzzjoni rrimettiet ruhha ghal dak li jirrizulta mill-atti processwali

Semghet, fis-seduta tallum, is-sottomissjonijiet finali bil-fomm tad-difiza.

**Ikkunsidrat**

---

[1] Ekwivalenti ghal €2,746.33.
[2] Ekwivalenti ghal €4,891.68.

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tat-22 ta' Frar 2006, xehdet l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Edel Mary Camilleri** (*a fol.* 29 *et seq.*) fejn spjegat li f'Lulju 2002 certu Luciano Martinelli (*Accounts Manager* tal-Flamingo Mirage Holdings Ltd.) ilmenta li kien gie avvicinat mill-imputat li fil-31 ta' Mejju 2002 ghamel zewg *sales orders* minn ghand il-kumpanija Flamingo liema *orders* kienu jammontaw ghal Lm956.99 u Lm170.00. Tghid li kien hemm *sales order* ohra datata 4 ta' Gunju 2002 li tammonta ghal Lm52.00. Tghid li l-oggetti fir-rigward tal-*order* ta' Lm170 u Lm 52 (liema oggetti kienu jirrigwardaw *air conditioners*) gew mghoddija lill-imputat fl-10 ta' Gunju 2002 fl-indirizz 190, Sunset, Triq Mons. Mikiel Azzopardi, Siggiewi. Tghid li l-oggetti l-ohra li jammontaw Lm956.99 gew konsenjati fl-10 ta' Gunju 2002 fl-indirizz 71B, Underlying, Triq Ferdinando Falzon, Zurrieq. Tghid li fl-10 ta' Gunju 2002 inhargu zewg cekkijiet tal-BOV bin-numri 171 u 165 mill-imputat pagabbli lil Flamingo liema data msemmija hija data ta' meta gew konsenjati l-affarijiet in kwistjoni. Ezebiet fotokopja mmarkata bhala Dok. "MA" (*a fol.* 37) rigwardanti z-zewg cekkijiet datati 10 ta' Gunju 2002 fejn filwaqt li cekk minnhom kien fl-ammont ta' Lm222, l-iehor kien fl-ammont ta' Lm957. Tghid li l-original tal-fotokopja ezebita gew murija lilha minn Martinelli fl-ufficcju taghha. Tghid li minkejja li Martinelli mar diversi drabi l-Bank biex isarraf dawn iz-zewg cekkijiet kull darba kienu jigu *"refer to drawer"*. Tispjega wkoll li zmien wara kienet giet ikkunttatjatha minn certu Terry Gosden bhala *Manager* tal-Fondazzjoni Suret il-Bniedem (kumpanija NGO li tiehu hsieb diversi nies li ma ghandhomx *shelter*) li lmenta li kien gie avvicinat mill-imputat u Gosden qal li *"Lm600 kif ukoll minn dawn il-Lm2100 kienu lista ta' spejjez li gew sofruti mill-istess Martin Attard fil-konfront taz-zewg impjegati li jahdmu Suret il-Bniedem"* (*a fol.* 31). Tghid li Gosden semma li dawn in-nies kienu certu Mary Stellini, Anthony Caruana u Jimmy Welsh. Tghid: *"Staqsejtu wkoll lis-Sur Gosden l-ammont, il-bqija x'hin tnaqqas dawn is-Lm600 minn dan ic-cekk ta' Lm2100 jigifieri li jammonta ghal Lm1500, x'kien li nhareg ic-cekk totali ta' Lm2100, is-Sur Terry Gosden qal li dawk huma flus, jigifieri l-Lm1500*

*huma flus li Mr. Martin Attard kellu jhallas lil Terry Gosden stess peress li kien hemm xi spejjez li kienu jinvolvu xi business agreement bejniethom"* (*a fol.* 31). Ezebiet fotokopja tac-cekk tal-BOV bin-numru 167 li gie mmarkat bhala Dok. "MA 1" (*a fol.* 38). Ma tiftakarx jekk ratx l-original ta' dan ic-cekk u tghid li meta Gosden mar biex isarraf dan ic-cekk li nhareg fl-10 ta' Gunju 2002 gie nfurmat li l-kont kien gie maghluq. Tghid li baghtet ghall-imputat u ezebiet stqarrija rilaxxata minnu li giet immarkata bhala Dok. "MA 2" (*a fol.* 40 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2006, xehed **Luciano Martinelli** (*a fol.* 49 *et seq.*) fejn spjega li l-imputat kien ghamel ordni mal-kumpanija Mirage Holdings Ltd, Flamingo fejn jahdem hu (Martinelli) ghal xi *air conditioning, fridge* u *water heater* bil-ftehim li jsir il-hlas mal-konsenja. Jghid li meta gew ikkonsenjati l-*fridge* u l-*water heater*, l-imputat tahom cekk fl-ammont ta' Lm222 u meta gew installati zewg *air conditioners* tahom cekk fl-ammont ta' Lm957. Jghid li meta z-zewg cekkijiet gew depozitati gew riferuti lura u baqghu ma jistghu jsarrfuhom qatt. Jghid li cekk minnhom kien dak tal-Bank of Valletta bin-numru 171 u li dan inghata meta gew kkonsenjati l-*fridge* u l-*water heater*. Mistoqsi jghid min gabar dan ic-cekk jghid li jista' jkun Adam Cachia u Joe Saliba. Jghid li mentri Martin Attard kien ordna l-*air conditioner* u l-*fridge* fil-31 ta' Mejju 2002, Attard ordna l-*water heater* fl-4 ta' Gunju 2002. Jghid li l-imputat kien talab li mentri l-*air conditioner* jigi konsenjat f'71B *underlying*, Triq Ferdinando Falzon, Zurrieq, huwa talab ukoll li l-*fridge* u l-*water heater* jigu konsenjati f'190, Sunset, Triq Mons. Mikiel Azzopardi, Siggiewi. Ezebixxa erba' *delivery notes* immarkati bhala Dok. "M" (*a fol.* 59 *et seq.*) u cekkijiet immarkati bhala Dok. "M1" (*a fol.* 63). Jghid li l-affarijiet gew konsenjati fl-10 ta' Gunju 2002 u li c-cekkijiet inhargu bid-data tal-konsenja. Jghid li c-cekkijiet gew depozitati fil-kont tal-kumpanija u gew lura. Jghid li hu ma kienx prezenti meta saru z-zewg cekkijiet peress li ma kienx prezenti meta saret il-konsenja. Jixhed li minkejja li kemm il-darba pprova jaghmel kuntatt mal-imputat, ma setghax jaqbdu fuq il-*mobile* li kien tahom. Jghid li eventwalment wara xi zmien sar kuntatt, fejn wara zmien iehor cioé f'Lulju 2003 l-imputat kien ghamel pagament ta' Lm25.00.

Illi, fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2006, xehed ukoll **Terry Gosden** (*a fol.* 64 *et seq.*) fejn spjega li l-imputat kien residenti f'*home* fil-Gzira u ried jibda negozju zghir u huwa (Gosden) ried jghinu billi tah xi flus biex ikun jista' jibda. Jghid li sar jaf li l-imputat kien qed jiehu flus minn ghand nies ohra, u staqsieh biex jaghtih lura l-flus u l-imputat tah cekk. Ikkonferma li Dok. "MA 1" (*a fol.* 38) huwa fotokopja tac-cekk in kwistjoni. Jghid li l-ammont ta' flus li l-imputat kien inghata kien dak ta' Lm2100 pero huwa biss l-ammont ta' Lm1400 li huwa tieghu (ta' Gosden). Jixhed li meta mar il-Bank bic-cekk li kien tah l-imputat, il-Bank kiteb fuq ic-cekk li l-*account* kien maghluq. Jghid li l-kont inghalaq dakinhar li pprova jsarraf ic-cekk. Jghid li minkejja li pprova jaghmel kuntatt mal-imputat, l-imputat ma bediex iwiegbu. Ezebixxa fotokopja mmarkata bhala Dok. "G" (*a fol.* 71).

**Terry Gosden** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2006 (*a fol.* 79 *et seq.*) fejn ezebixxa bhala Dok. "TG" (*a fol.* 82) ic-cekk li ghamel riferenza ghalih fis-seduta ta' qabel, fejn qal li c-cekk gie moghti lilu mill-imputat fl-10 ta' Gunju 2002 ghall-ammont ta' Lm2100. Jghid li c-cekk ma giex onorat u mistoqsi jghid ghala, wiegeb: *"The account was closed on the day the cheque was presented but I cannot read the actual date but it is something 06/2002"* (*a fol.* 80).

Illi, fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2006, xehed ukoll **John Delia** (*Manager* tal-Bank of Valletta – *a fol.* 73 *et seq.*) fejn spjega li kont bin-numru 10754921014 gie maghluq fis-6 ta' Mejju 2000. Ma jafx minn min gie maghluq dan il-kont. Jghid li l-kont kien *current account* (cekk book) li jghajjat lill-imputat u li nfetah fit-30 ta' Ottubru 1997. Ghad-domanda ta' min ghandu dritt li jaghlaq il-kont, wiegeb li dan jista' jinghalaq mill-klijent jew inkella mill-Bank stess meta jara li l-kont ma jkunx qed jinhadem sewwa. F'kaz li l-klijent ma jkunx ghalaq il-kont hu, il-klijent jigi avzat b'ittra u huwa ghandu jiehu lura xi cekk books. Ghad-domanda: *"U dan ikollkom records tieghu fil-Bank stess hux hekk? Li intom tkunu nfurmajtuh permezz ta' ittra?"* (*a fol.* 76), wiegeb: *"L-arkivji, issa ma nafx il-perjodu taz-zmien"* (*a fol.* 76).

**John Delia**, rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2006 (*a fol.* 83 *et seq.*), fejn ezebixxa bhala Dok. "JD" (*a fol.* 86) il-*bank statements* kollha tal-*current account* (tac-cekk book) li jghajjat lill-imputat. Jghid li l-kont infetah fit-30 ta' Ottubru 1997 u nghalaq fis-6 ta' Mejju 2000. Jghid li meta nghalaq il-kont kien fih Lm8.41.

Illi, fis-seduta tal-14 ta' April 2015, xehed **Dr. Nigel Camilleri** (*a fol.* 149 *et seq.*) fejn spjega li l-imputat kien ilu tahtu erba' xhur u li qabel kien taht Dr. Saliba. Jghid li l-imputat dahal kemm il-darba Monte Carmeli minhabba problemi li huwa jiddeskrivi: *"s-soltu ta' flus u minhabba f'hekk jigi depressed jew jghid li huwa depressed, probabbli tkun reactive depression u minhabba f'hekk jidhol Mount Carmel"* (*a fol.* 149). Jghid li l-imputat jidhol Monte Carmeli b'mod volontarju.

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2017, xehed l-imputat **Martin Attard** (*a fol.* 169 *et seq.*) fejn spjega li, jekk mhux sejjer zball, l-*air conditioners* kien ordna li jitpoggew iz-Zurrieq. Mistoqsi dwar l-affarijiet l-ohra, jghid li ma jiftakarx ezatt. Jikkonferma li kellu kont mal-Bank of Valletta. Ma jiftakarx meta fetah dan il-kont. Jghid li f'dan il-kont kien jiddepozita l-paga. Ikkonferma li fis-sena 2002 hareg ic-cekkijiet in kwistjoni. Mistoqsi jghid x'gara wara li hareg ic-cekkijiet, jghid: *"Ghadda z-zmien, indunajt li mhux qed nircievi iktar statements jien, l-ewwel darba ma tajtx kaz li ma rcevejtx statement ghax l-istatement nircevieh kull tliet xhur mill-Bank, ghaddew ma nafx voldieri jekk hux f'Marzu jew Gunju ma niftakarx hekk, imma l-ewwel darba ma tajtx kaz, pero' meta ma rcevejtux it-tielet darba l-istatement, mort il-Bank u nfurmawni li dan il-kont qabdu u l-Bank ghalqu. Hu kien ilu maghluq voldieri"* (*a fol.* 170). Jghid li huwa qatt ma ta struzzjonijiet lill-Bank biex jaghlaq il-kont. Jghid li l-kont gie maghluq mill-Bank minghajr lilu qatt ma nfurmawh. Mistoqsi jghid jekk giex moghti xi raguni ghala nghalaq, wiegeb: *"Qaluli ghax minhabba li ghamilt post-dated cheques jekk niftakar sewwa imma xi haga hekk. Issa post-dated cheques as such hija regola tal-Bank mhux regola ta' Malta sa fejn naf jien"* (*a fol.* 170). Jghid li meta hareg ic-cekkijiet, dawn inhargu *post-dated.* Mistoqsi jghid kemm kien, jekk hux xahar jew xahrejn, wiegeb li ma jiftakarx ezatt. Jghid li c-cekk book kien gabu billi mar il-Bank, ordnah u tawhulu. Mistoqsi jghid f'liema Bank kien mar, wiegeb:

*"M'iniex cert jekk hux il-Gzira jew Bormla imma minn ghalija l-Gzira"* (*a fol.* 170).

In kontro-ezami kkonferma li kien hareg cekkijiet lil Luciano Martinelli f'isem il-Flamingo u lil Terry Gosden. Mistoqsi jghid meta hareg dawn ic-cekkijiet, jghid li d-data ma jiftakarhiex bl-amment. Filwaqt li kkonferma li gew ikkonsenjati l-*air conditioners*, ma kienx possibbli ghalih jghid id-data x'kienet. Ghad-domanda: *"Imma int tiftakar illi f'xi perjodu ta' zmien l-account skont ic-cheque book li inti hrigt dawk ic-cekkijiet kienx hemm flus jew le?"* (*a fol.* 171), wiegeb: *"Jekk nidhlu fir-records tal-Bank kien hemm kien hemm zminijiet ohra meta kelli flus u meta ma kellix meta ghamilt post-dated cheque"* (*a fol.* 171). Mistoqsi jghid ghala ghamel *post-dated cheque*s, wiegeb: *"Trid taghmlu ghax inti per ezempju taf ezempju xahar iehor jien ha ndahhal allura taghmlu post-dated. Issa as such mhux suppost bhala regola tal-Bank taghmilha qed tifhem imma dik kulhadd jaghmilha, sallum il-gurnata kulhadd jaghmilha voldieri mhux jien biss naghmilha"* (*a fol.* 171). Mistoqsi jghid jiftakarx jekk lil Luciano Martinelli avzahx dwar hemmx flus fil-kont ta' dak ic-cekk book li hariglu c-cekk biex ihallsu bih, jghid: *"Ma niftakarx ezatt, qed nitkellmu hmistax-il sena ilu"* (*a fol.* 172). Jghid li wara li l-*air conditioners* gew ikkonsenjati lilu u c-cekk ma ssarrafx, marru jaqalghu l-*air conditioners* u Martinelli ppretenda li hu (l-imputat) ihallsu xorta. Jghid li Martinelli talbu aktar minn kemm jiswew l-*air conditioners*. Jghid li l-*air conditioners* ittiehdu lura. Jghid: *"Kif jista' jkun nhallsu jien dan ir-ragel? Mela jien ta' oggett li m'ghandhiex ha tfittixni biex inhallsek, jekk hadtu l-oggett? Mela ghandi x'intik heqq mhux qed tibqa' tfittixni li ghandi naghtik meta hadthomli"* (*a fol.* 172). Jghid li minn dak iz-zmien sallum Martinelli ma ghamilx kuntatt mieghu. Jghid li anqas ma' Terry Gosden ma kien hemm kuntatt. Jghid li hu ma kellux ghalfejn jaghmel kuntatt ma' Gosden. Jixhed: *"ghaliex jien kont noqghod Dar Suret il-Bniedem, u minhabba dan l-argument keccini lili fit-triq tefaghni fit-triq barra u ma kelliex ghalfejn naghmel kuntatt mieghu"* (*a fol.* 172).

**Ikkunsidrat**

**Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta**

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-

imputat hija vera u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjoni dedotta ghandha tigi pruvata *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.
Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "*dubju jkun dak <u>dettat</u> mir-raguni*".

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat <u>mir-raguni</u> u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu li, wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi <u>kollha</u>, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*".

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

**Ikkunsidrat**

Illi qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tal-imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat, il-Qorti tinnota li ser tiskarta l-stqarrija (Dok. "MA 2" – *a fol.* 40 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat u dak li nghad fiha u li sar riferenza ghaliha fix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u dana *stante* li din l-istqarrija giet mehuda fis-sena 2002, cioé fiz-zmien meta l-ligi ma kinitx taghti jedd lill-persuna arrestata li tottjeni parir legali qabel l-interrogatorju taghha. Dan qed jinghad in vista tal-gurisprudenza ricenti, fosthom id-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Frar 2016 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizja vs. Joseph Camilleri**.

Illi dak li ser taghmel l-Qorti f'dan l-istadju huwa li tara jekk jirrizultawx pruvati Artikoli 308 u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jsiru riferenza ghalihom fl-imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat. Filwaqt li Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jirrigwarda "Frodi b'eghmil qarrieqi", Artikolu 309 tal-Kapitolu msemmi jirrigwarda "Kazijiet ohra ta' qligh b'qerq".

Illi biex jissussisti r-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-Qrati taghna illi jridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u s-suggett passiv tar-reat u cioé bejn min qieghed jikkommetti r-reat u l-vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana r-reat u cioé l'uzu ta' ingann jew raggieri li jwasslu lill-vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li jkun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura r-reat tat-truffa ma jistax jissussisti.

Illi f'sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Charles Zarb** moghtija fit-22 ta' Frar 1993, il-Qorti ta' l-Appelli Kriminali ghamlet esposizzjoni ferm preciza, studjata u dettaljata ghar-rigward ta' l-elementi ta'

dana r-reat. Il-Qorti bdiet sabiex esprimiet ruhha b'dan il-mod ghar-rigward ta' dana r-reat:

> *"Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Franciz. […]*
>
> *Id-disposizzjonijiet tal-Kodici taghna kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta' l-artikolu 430 tal-Kodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (Artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi […].*
>
> Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta' l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin.
>
> Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulhadd.
>
> Fit-tieni lok il-Legislatur, aktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta' l-ingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.
>
> Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkommetti d-delitt tat-truffa kull min:
>
> (a) b'mezzi kontra l-ligi, jew
> (b) billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew
> (c) ta' kwalifiki foloz jew
> (d) billi jinqeda b'qerq iehor u
> (e) ingann jew
> (f) billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz,

(g) jew ta' hila;
(h) setgha fuq haddiehor jew
(i) ta' krediti immaginarji jew
(j) sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.

[...H]u necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. […]

Dwar l-artifizzji intqal mill-Qorti illi *"hemm bzonn biex ikun reat taht l-Artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza* ***Reg vs. Francesco Cachia e Charles Bech*** *(03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell'articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed é necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede""*.

Illi fid-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Charles Zarb** kwotata hawn fuq, il-Qorti ta' l-Appelli Kriminali ccitat lill-Imhallef Guzé Flores fejn qal illi:

*"kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal-falsita' prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi teatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u*

*luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita' ta' verita' kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene".*

L-istess Imhallef Flores kompla jghid li:

*"….Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioé kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-Artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta' l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."*

Illi minn dina l-esposizzjoni maghmula mill-Qorti ta' l-Appell li iccittat diversi sentenzi ohra tal-Qrati taghna jidher illi l-elementi rikjesti sabiex jissussisti r-reat tal-frodi baqghu nvarjati fi-zmien.

Illi f'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione Penale gie deciz illi element ewlieni fir-reat tal-frodi huwa *"l'elemento del danno patrimoniale"*. Biex imbaghad jissussisti dana t-tip ta' reat huwa necessarju illi jezistu *"I tre momenti di cui si compone il reato é cioé la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente." (Cassazione penale sez. II 3 ottobre 2006 n. 34179).*

Illi, ghar-rigward ta' dana l-element soggettiv tar-reat tat-truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali, cioé **Il-Pulizija vs. Patrick Spiteri**, deciza fit-22 ta' Ottubru 2004:

*"L'agente […] deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stess, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quel profitto che costituisce l'ultima*

> *fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volontà sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."*

Illi l-Artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jikkontempla r-reat minuri tal-frodi innominat. Illi ghar-rigward ta' dana ir-reat, ghalkemm l-element tar-*"raggiri"* jew l-*"artifizji"* huwa nieqes u allura anke gidba semplici hija bizzejjed ghal kummissjoni ta' dana ir-reat, izda dana irid bil-fors iwassal sabiex il-vittma u cioé is-suggett passiv ta' dana ir-reat isofri xi telf patrimonjali. Fid-decizjoni moghtija fit-30 ta' Dicembru 2004 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Carmela German**, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Kwantu ghal kwistjoni jekk il-gidba semplici – a differenza ta' l-artifizji u raggiri – tistax tammonta *ossia* twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal qerq, cioé intiza jew preordinata sabiex il-persuna ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba u basta, s'intendi li tkun effettivament waslet ghal dana it-telf min-naha u arrikkiment min-naha l-ohra."

Illi l-Qorti jirrizultalha li mill-atti processwali jirrizulta s-segwenti:

- Luciano Martinelli xehed li l-imputat tahom zewg cekkijiet (Dok. "M1" – *a fol.* 63), wiehed fl-ammont ta' Lm222 u iehor fl-ammont ta' Lm957. Jghid li dawn ic-cekkijiet gew riferuti lura meta gew depozitati u b'hekk qatt ma ssarfu. Dawn iz-zewg cekkijiet huma datati 10 ta' Gunju 2002.

- Terry Gosden spjega li ried jghin lill-imputat biex jibda negozju zghir u b'hekk tah xi flus u meta hu (Gosden) sar jaf li l-imputat kien qed jiehu flus minn ghand nies ohra, staqsieh biex jaghtih lura l-flus, fejn l-imputat tah cekk fl-ammont ta' Lm 2100 (Dok.

"TG" – *a fol.* 82) u li wara rrizulta li l-*account* kien maghluq. Dan ic-cekk huwa datat 10 ta' Gunju 2002.

- John Delia in rapprezentanza tal-Bank of Valletta xehed li l-kont li minnu nhargu c-cekkijiet in kwistjoni gie maghluq fis-6 ta' Mejju 2000. Ma jafx minn min gie maghluq dan il-kont. Qal li l-kont jista' jinghalaq mill-klijent jew inkella mill-Bank stess meta jara li l-kont ma jkunx qed jinhadem sewwa. F'kaz li l-klijent ma jkunx ghalaq il-kont hu, il-klijent jigi avzat b'ittra u huwa ghandu jiehu lura xi cekk books. Ghad-domanda: *"U dan ikollkom records tieghu fil-bank stess hux hekk? Li intom tkunu nfurmajtuh permezz ta' ittra?"* (*a fol.* 76), wiegeb: *"L-arkivji, issa ma nafx il-perjodu taz-zmien"* (*a fol.* 76).

- Martin Attard xehed li fil-kont in kwistjoni kien jiddepozita l-paga. Filwaqt li kkonferma li fis-sena 2002 hareg ic-cekkijiet in kwistjoni, qal li l-kont kien gie maghluq mill-Bank u li huwa qatt ma ta struzzjonijiet lill-Bank biex dan jinghalaq. Jghid li huwa qatt ma gie nfurmat li l-kont kien gie maghluq.

Illi wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-esposizzjoni legali tar-reat ta' frodi kif indikat hawn fuq u wara li hadet in konsiderazzjoni ta' dak li jirrizulta mill-atti processwali tinnota li ma tista' qatt tirrizulta htija fl-imputat taht Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dana *stante* li l-Qorti **<u>ma jirrizultalhiex</u>** dak li nghad aktar il-fuq u cioé li:

> "[...H]u necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi".

Illi l-Qorti ma jirrizultalhiex sodisfacentement pruvat li l-imputat kellu l-intenzjoni li jaghmel att ta' frodi fil-konfront ta' xi hadd. Ma jirrizultax lanqas li l-imputat kellu intenzjoni li jaghmel xi qliegh. Ma jirrizultax mill-provi li kien l-imputat li kien ta xi

ordni biex il-kont bankarju jinghalaq u ma jirrizultax anqas li huwa kien jaf li effettivament dan il-kont kien inghalaq.

**Ikkunsidrat**

Illi, tenut kont ta' dak kollu li nghad hawn fuq, l-imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat ma gietx sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi liberat minnha.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputat Martin Attard hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b'hekk tilliberah minnha.

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

**Ms. Christine Farrugia**
**Deputat Registratur**